MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2010

Avviz Numru. 148/2010

**Il-Qorti;**

Rat l-avviz promotur datat it-30 t' April tas-sena 2010, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti fuq indikata sejhet lill-intimati Calabretta quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m' ghandhomx ikunu kkundannati:

1. Illi jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' hamest elef u mija ewro u tmienja u ghoxrin centezmu, (€5,100.28), rapprezentanti ammont minnkom dovut in konnessjoni ma' diversi servizzi telefonici bin-numri 21485253 (AC 90003195), 21246968 (AC10058612) u 21442645 (AC 10134452) skont kif jirrizulta mill-annessi dokumenti elenkati skont id-dokument market IZY 1A;

2. Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-presenti, tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali, u bl-imghaxijiet kontra l-intimati ngunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' ammissjoni tal-intimati datata s-6 t' Ottubru tas-sena 2010;

Illi in vista tal-istess ammissjoni:

1. Tikkundanna lill-intimati Patricia u Sebastiano Calabretta biex ihallsu l-ammont ta' hamest elef u mitt ewro u tmienja u ghoxrin centezmu, (€5,100.28), lis-socjeta` rikorrenti GO p.l.c. ghar-raguni ndikata fl-istess rikors promotur u a bazi tal-ammissjoni taghhom kif fuq indikat;

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti skont il-ligi kontra l-istess intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------